Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,644, 24 ta' Lulju, 1998
Taqsima B

A.L. 179 ta' l-1998

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Regolamenti ta' l-1998 tal-Kors għall-Grad ta' Bachelor of Commerce - B.Com. - u Bachelor of Commerce (Honours) - B.Com. (Hons)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 30 (5) u 31 (6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Universita' ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat ta' l-Universita' ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 31 u 35 ta' dak l-Att:

Titolu u interpretazzjoni

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1998 tal-Kors għall-grad ta' Bachelor of Commerce - B.Com. - u ta' Bachelor of Commerce (Honours) - B.Com. (Hons).

(2) F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra -

"il-Bord" ifisser il-Bord tal-Fakulta' ta' l-Ekonomija, *Management* u *Accountancy;*

"il-Grad" ifisser il-grad ta' Bachelor of Commerce - B.Com. - jew il-grad ta' Bachelor of Commerce (Honours) - B.Com. (Hons) - skond il-każ; u

"il-Kors" ifisser il-kors ta' l-istudji li jwassal għall-grad ta' Bachelor of Commerce - B.Com. - jew il-kors ta' l-istudji li jwassal għall-grad ta' Bachelor of Commerce (Honours) - B.Com. (Honours) - skond il-każ.

L-Applikabilita'

2. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li bdew f'Ottubru 1996 jew wara.

L-Eliġibilita' għall-Grad

3. Biex ikunu eliġibbli għall-għoti tal-Grad, l-istudenti għandhom:

(a) ikunu rreġistrati bħala studenti regolari għall-kors li japplika skond it-termini tar-Regolamenti għad-Dħul ta' l-Universita';

(b) itemmu l-kors ta' l-istudji, jikkwalifikaw fl-eżamijiet u jissodisfaw kull rekwiżit ieħor preskritt f'dawn ir-regolamenti; u

(ċ) jissoddisfaw kull rekwiżit ieħor preskritt fi statuti, f'regolamenti u f'ordinamenti rilevanti oħra ta' l-Universita'.

Ir-Reġistrazzjoni

4. L-applikanti għandhom jirreġistraw fuq il-formola preskritta fiż-żmien indikat mill-Uffiċċju tar-Reġistratur.

Id-Dħul u r-Rekwiżiti Speċjali għall-Kors

5. L-applikanti jistgħu jitħallew jirreġistraw għall-kors ta' Bachelor of Commerce jekk:

(a) jissodisfaw ir-Rekwiżiti Ġenerali għad-Dħul kif speċifikati fir-Regolamenti għad-Dħul ta' l-Universita'; u, għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2000 jew wara, jekk ikunu għaddew mill-anqas fil-Livell Intermedju fil-Matematika Pura; jew

(b) minn Ottubru 1999 'il quddiem, ikollhom is-Certificate in Banking taċ-Chartered Institute of Bankers, għaddew fl-Oqsma ta' l-Għerf u fil-Matematika Pura mill-anqas fil-Livell Intermedju ta' l-Eżami għaċ-Ċertifikat tal-Matrikola, iżda dawn l-applikanti jistgħu jitħallew jirreġistraw biss għall-Kors b''Banking and Finance', u jew 'l-Ekonomija' jew 'il-*Management*' jew 'il-*Public Policy*' bħala ż-żewġ oqsma ewlenin ta' studju; jew

(ċ) minn Ottubru 2000 'il quddiem, ikollhom is-Certificate in Banking taċ-Chartered Institute of Bankers (li jkopri sitt suġġetti) u jkunu għaddew fil-Matematika Pura mill-anqas fil-Livell Intermedju ta' l-Eżami għaċ-Ċertifikat tal-Matrikola, iżda dawn l-applikanti jistgħu jitħallew jirreġistraw biss għall-Kors

b''Banking and Finance', u jew 'l-Ekonomija' jew 'il-*Management*' jew 'il-*Public Policy*' bħala ż-żewġ oqsma ewlenin ta' studju.

6. L-istudenti li jidħlu fit-Tieni Parti tal-Kors jistgħu jistudjaw l-*Accountancy* bħala l-qasam ewlieni ta' studju jekk ikunu kisbu:

(a) kwalifika fl-*Accounting* fil-Livell Avvanzat bi Grad Ċ jew aħjar fl-Eżami għaċ-Ċertifikat tal-Matrikola, jew kwalifika ekwivalenti, qabel id-dhul fil-Kors; u

(b) kwalifiki bi Grad 'Ċ' jew aħjar fil-Matematika u fit-Teorija u l-Prattika ta' l-*Accounting* fl-Eżami ta' l-Ewwel Parti.

It-Tul tal-Kors

7. (1) Il-kors ta' l-istudji li jwassal għall-grad ta' Bachelor of Commerce jinfirex fuq perijodu minimu ta' tlett snin. L-istudenti ma jistgħux jagħmlu l-Eżami tat-Tieni Parti qabel tlett snin jew wara erba' snin minn mindu bdew il-Kors ħlief bil-permess tas-Senat.

(2) Il-kors ta' l-istudji li jwassal għall-grad ta' Bachelor of Commerce (Honours) jinfirex fuq perijodu minimu ta' erba' snin. L-istudenti ma jistgħux jagħmlu l-Eżami Finali tat-Tielet Parti qabel erba' snin jew wara ħames snin minn mindu bdew il-Kors ħlief bil-permess tas-Senat.

Il-Kors ta' l-Istudji

8. (1) Il-kors ta' l-istudji li jwassal għall-grad ta' Bachelor of Commerce (Honours) għandu jkun imqassam fi tliet partijiet u għandu jikkonsisti f'taqsimiet studju li għalihom mhux anqas minn sitta u disgħin kredtu huma assenjati, inklużi tmien kredti għal taqsimiet studju fakultattivi, minn liema tliet kredti jistgħu jkunu extra-kurrikulari.

(2) Il-kors ta' l-istudji li jwassal għall-grad ta' Bachelor of Commerce għandu jkun magħmul mill-ewwel żewġ partijiet tal-Kors li jwassal għall-grad ta' Bachelor of Commerce (Honours), u għandu jikkonsisti f'taqsimiet studju li għalihom mhux anqas minn tnejn u sebgħin kredtu huma assenjati, inklużi tmien kredti għal taqsimiet studju fakultattivi, minn liema tliet kredti jistgħu jkunu extra-kurrikulari.

(3) Katalgu tat-taqsimiet studju offruti matul il-Kors, bil-kredti assenjati għal kull waħda minnhom u l-ordni li fih għandhom jittieħdu, għandu jkun approvat mill-Bord u għandu jkun ippubblikat qabel il-bidu ta' kull sena akkademika.

(4) Il-katalgu għandu jispeċifika wkoll it-taqsimiet studju obbligatorji u kull prerekwiżit ieħor f'kull qasam ewlieni ta' studju tat-Tieni Parti tal-Kors imsemmi fil-paragrafu (2) tar-regolament 10 u f'kull qasam ta' speċjalizzazzjoni fit-Tielet Parti tal-Kors imsemmi fil-paragrafu (1) tar-regolament 12. (Xi taqsimiet studju jsegwu lil xulxin u r-reġistrazzjoni għalihom tista' teħtieġ li l-istudent ikun diġa' temm b'suċċess xi taqsimiet studju speċifiċi oħra u/jew għandu kwalifiki oħra indikati fil-katalgu tat-taqsimiet studju.)

(5) Kull taqsima studju għandha tkun valutata u ggradata minn A sa D, A tkun l-ogħla grad u D l-anqas grad ta' kwalifika. Taqsimiet studju li ma jintemmux b'suċċess għandhom ikunu indikati b'marka F (Weħel).

(6) F'kull sena tal-Kors, l-istudenti għandhom jirreġistraw għal numru ta' taqsimiet studju li għalihom mhux anqas minn erbatax u mhux aktar minn tmienja u għoxrin kredtu huma assenjati, sakemm student li jkun meħtieġ jirrepeti sena ta' studju jista' jitħalla mill-Bord jirreġistra għal numru ta' taqsimiet studju li l-Bord iqis xieraq.

(7) Il-Bord jista' jeżenta lill-istudenti mir-rekwiżit li jiksbu ċertifikat ta' kredtu għal taqsima studju partikolari u/jew li jgħaddu mill-Eżami ta' l-Ewwel Parti jekk ikunu kisbu mill-Universita', jew minn istituzzjoni magħrufa mis-Senat għal dan il-għan, kwalifika li l-istudju għaliha, huwa meqjus mill-Bord, bħala ekwivalenti fil-kontenut u fil-livell għal dak meħtieġ għaċ-ċertifikat ta' kredtu kkonċernat jew għall-Eżami ta' l-Ewwel Parti,
iżda l-istudenti li huma eżentati mir-rekwiżit li jgħaddu mill-Eżami ta' l-Ewwel Parti jistgħu jkunu meħtieġa jiksbu kredti f'dawk it-taqsimiet studju li l-Bord jindika biex jiżgura li huma jistgħu jsegwu l-Kors bi profitt.

(8) Jekk sabiex ikunu eliġibbli biex jagħmlu l-Eżami tat-Tieni Parti, l-istudenti jkun jonqoshom kredtu għal taqsima studju waħda, r-Rettur, fuq il-parir tad-Dekan jew ta' uffiċjal akkademiku kompetenti ieħor ta' l-Universita',

jista' jawtorizza li jittieħed l-Eżami b'dawk il-provvedimenti li huma meqjusa meħtieġa biex jiżguraw kompensazzjoni xierqa għat-taqsima studju nieqsa msemmija hawn fuq.

L-Ewwel Parti: il-Kors u l-Eżami

9. (1) L-Ewwel Parti tinfirex fuq l-ewwel sena tal-Kors u għandha tikkonsisti f'taqsimiet studju li għalihom mhux anqas minn erbgħa u għoxrin kredtu huma assenjati. L-istudenti jistgħu jirreġistraw ukoll għal massimu ta' tliet taqsimiet studju fakultattivi matul din il-Parti tal-Kors.

(2) L-istudenti jkunu meħtieġa jagħmlu l-Eżami ta' l-Ewwel Parti wara li jkunu segwew numru ta' taqsimiet studju li għalihom total ta' erbgħa u għoxrin kredtu huwa assenjat.

(3) It-taqsimiet studju li jsiru matul it-tieni semestru ta' l-Ewwel Parti tal-Kors jistgħu jiġu eżaminati permezz ta' l-Eżami ta' l-Ewwel Parti.

(4) L-Eżami ta' l-Ewwel Parti għandu jikkonsisti f'karta f'kull wieħed mis-sitt oqsma ta' studju li saru matul din il-Parti tal-Kors.

(5) Il-kredti miksuba matul l-ewwel semestru ta' l-Ewwel Parti tal-Kors għandhom jgħoddu għal 30% tal-piż waqt li l-Eżami ta' l-Ewwel Parti għandu jgħodd għas-70% l-ieħor tal-piż biex jingħata l-grad globali għall-Ewwel Parti.

(6) Il-gradi globali għall-Ewwel Parti tal-Kors għandhom ikunu indikati bil-gradi A, B, Ċ u D, fejn A tkun l-ogħla grad u D l-anqas grad. Jekk l-istudent jeħel, dan ikun indikat b'marka F.

(7) L-istudenti jkunu meqjusa li ssodisfaw ir-rekwiżiti ta' l-Ewwel Parti tal-Kors jekk jiksbu grad ta' kwalifika f'kull waħda mill-karti ta' l-Eżami ta' l-Ewwel Parti u l-grad globali ta' l-Ewwel Parti ma jkunx anqas mill-grad D.

(8) L-ismijiet ta' l-istudenti li jissodisfaw ir-rekwiżiti biex jgħaddu għat-Tieni Parti tal-Kors għandhom ikunu ppubblikati f'lista li tindika l-grad globali miksub għall-Ewwel Parti.

(9) L-istudenti li ma jtemmux b'suċċess l-Ewwel Parti tal-Kors jistgħu jitħallew jirrepetu l-kors ta' l-istudji s-sena ta' wara taħt dawk il-kundizzjonijiet li jista' jimponi l-Bord.

It-Tieni Parti: il-Kors u l-Eżami

10. (1) L-istudenti jkunu eliġibbli biex jirreġistraw għat-Tieni Parti tal-Kors jekk ikunu temmew b'suċċess l-Ewwel Parti tal-Kors fit-termini tal-paragrafu (7) tar-regolament 9 jew ikunu ġew eżentati minnha fit-termini tal-paragrafu (7) tar-regolament 8.

(2) It-Tieni Parti tinfirex fuq it-tieni u t-tielet sena tal-Kors u għandha tikkonsisti f'taqsimiet studju fl-oqsma ewlenin ta' studju li ġejjin: *Accountancy, Banking and Finance,* l-Ekonomija, *Management, Public Policy,* u t-Turiżmu u l-oqsma l-oħra kollha approvati mis-Senat fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord. L-istudenti jistgħu jirreġistraw għal mhux aktar minn sitt taqsimiet studju fakultattivi matul din il-Parti tal-Kors.

(3) Kull qasam ta' studju għandu jikkonsisti f'taqsimiet studju li għalihom mhux anqas minn għoxrin kredtu huma assenjati.

(4) Malli jirreġistraw għat-Tieni Parti tal-Kors l-istudenti għandhom jagħżlu żewġ oqsma ewlenin ta' studju minn fost dawk imniżżla fil-paragrafu (2) ta' dan ir-regolament.

(5) L-istudenti jkunu meħtieġa jagħmlu l-Eżami tat-Tieni Parti jekk ikunu kisbu għall-anqas erbgħa u sittin kredtu u jekk, matul din il-Parti tal-Kors, ikunu kisbu mhux anqas minn tmintax-il kredtu f'kull wieħed miż-żewġ oqsma ewlenin ta' studju.

(6) L-Eżami tat-Tieni Parti għandu jikkonsisti f'erba' karti f'kull wieħed miż-żewġ oqsma ta' studju magħżula.

(7) L-istudenti jkunu meqjusa li ssodisfaw ir-rekwiżiti tat-Tieni Parti tal-Kors jekk jiksbu grad ta' kwalifika f'kull waħda mill-karti ta' l-Eżami tat-Tieni Parti fit-termini tal-paragrafu (1) jew (2) tar-regolament 15.

(8) L-istudenti li jtemmu b'suċċess it-Tieni Parti tal-Kors jikkwalifikaw għall-Grad ta' Bachelor of Commerce - B.Com. - sakemm ma jagħżlux li jkomplu t-Tielet Parti tal-Kors fit-termini tal-paragrafu (1) tar-regolament 11.

It-Tielet Parti: il-Kors u l-Eżami

11. L-istudenti jkunu eliġibbli biex jirreġistraw għat-Tielet Parti tal-Kors jekk ikunu:

JEW (1) (a) temmew b'suċċess it-Tieni Parti tal-Kors fit-termini tal-paragrafu (7) tar-regolament 10; JEW kisbu l-grad ta' Bachelor of Commerce fl-1996 jew qabel; u

(b) ġew iggradati mill-anqas fil-Kategorija II; u

(ċ) kisbu minimu ta' Grad B wieħed u tliet Gradi Ċ (Grad B ieħor jew Grad A wieħed jikkompensaw għal mhux aktar minn Grad D wieħed) fil-karti ta' l-Eżami tat-Tieni Parti li għandhom x'jaqsmu mal-qasam ewlieni ta' studju magħżul għat-Tielet Parti tal-Kors,

iżda:

(i) il-qasam ewlieni ta' studju applikabbli għall-istudenti li jixtiequ jkomplu għall-Kors ta' Bachelor of Commerce (Honours) fit-Turiżmu għandu jkun jew it-Turiżmu jew il-*Management;* u

(ii) minn Ottubru 1997 'il quddiem, il-qasam ewlieni ta' studju applikabbli għall-istudenti li jixtiequ jkomplu għall-Kors ta' Bachelor of Commerce (Honours) fil-*Public and Private Sector Management* għandu jkun jew il-*Public Policy* jew il-*Management;*

JEW (2) kisbu grad ta' Bachelor of Commerce, Postgraduate Certificate in Education, u għandhom sentejn esperjenza fit-tagħlim ta' suġġett relatat;

JEW (3) bil-*Management* bħala l-qasam ta' speċjalizzazzjoni, jekk huma:

(a) għandhom grad ta' Bachelor of Science (Business and Computing);

(b) ġew ikklassifikati mill-anqas fil-Kategorija II; u

(ċ) jkunu kisbu minimu ta' Grad B wieħed u tliet gradi Ċ (Grad B ieħor jew grad A wieħed jikkompensaw għal mhux aktar minn Grad D wieħed) fl-erba' karti li għandhom x'jaqsmu mal-qasam ta' studju tal-Business;

JEW (4) bit-Turiżmu bħala l-qasam ta' speċjalizzazzjoni jekk għandhom id-Diploma in Hotel Administration mogħtija mill-Institute of Tourism Studies lokali, sakemm jgħaddu f'dawn li ġejjin:

(a) l-Eżami ta' l-Ewwel Parti tal-Kors tal-Bachelor of Commerce fl-oqsma ta' studju li ġejjin:

l-Ekonomija
Behavioural Studies I (is-sezzjoni tas-Soċjoloġija)
Statistika u *Computing;* u

(b) it-taqsimiet studju tal-Kors tal-Bachelor of Commerce li ġejjin:

l-Antropoloġija u s-Soċjoloġija tat-Turiżmu *jew*
Il-Perspettivi Soċjali u Kulturali tat-Turiżmu, kif indikat mill-Bord
il-Management tat-Turiżmu; u

(ċ) Eżami Intermedju li jikkonsisti fl-erba' karti ta' l-Eżami tat-Tieni Parti fil-*Management* u jiksbu minimu ta' Grad B wieħed u tliet Gradi Ċ (Grad B ieħor jew Grad A wieħed jikkompensaw għal mhux aktar minn Grad D wieħed) qabel ma jitħallew jagħmlu l-Eżami Finali tat-Tielet Parti;

JEW (5) kisbu l-kwalifika miċ-*Chartered Institute of Bankers Associateship (ACIB),*
iżda l-istudenti aċċettati fil-kors għall-Bachelor of Commerce (Honours) taħt dan il-paragrafu għandhom jgħaddu minn Eżami Intermedju li jikkonsisti fl-erba' karti ta' l-Eżami tat-Tieni Parti fil-qasam ta' l-istudju *Banking and Finance* tal-grad għall-Bachelor of Commerce u jiksbu minimu ta' Grad B wieħed u tliet Gradi Ċ

(Grad B ieħor jew Grad A wieħed jikkompensaw għal mhux aktar minn Grad D wieħed) qabel ma jitħallew jagħmlu l-Eżami Finali tat-Tielet Parti.

12. (1) Meta jirreġistraw għat-Tielet Parti tal-Kors, l-istudenti għandhom jagħżlu qasam ta' speċjalizzazzjoni f'wieħed mill-oqsma ta' studju li ġejjin: *Banking and Finance,* l-Ekonomija, *Management, Public Policy,* u t-Turiżmu; u għall korsijiet li bdew f'Ottubru 1997 jew wara: *Public and Private Sector Management.*

(2) It-Tielet Parti tinfirex fuq ir-raba' sena tal-Kors u għandha tikkonsisti f'taqsimiet studju li għalihom mhux anqas minn erbgħa u għoxrin kredtu huma assenjati, li mhux inqas minn 75% minnhom għandhom ikunu fil-qasam ta' speċjalizzazzjoni. Il-kredti għandhom jinkludu mhux aktar minn sitt kredti mogħtija għall-kitba ta' karta ta' riċerka ta' madwar 10,000 kelma, sakemm dan ir-rekwiżit jista', fuq rakkomandazzjoni tal-Kap tad-Dipartiment tal-qasam ta' speċjalizzazzjoni kkonċernat, jitbiddel b'esej twil ta' mhux anqas minn 5,000 kelma (tliet kredti) u taqsimiet studju żejda li għalihom mhux anqas minn tliet kredti huma assenjati.

(3) L-istudenti jkunu meħtieġa jagħmlu l-Eżami Finali tat-Tielet Parti jekk ikunu kisbu minimu ta' tmienja u tmenin kredtu u jekk, matul din il-Parti tal-Kors, ikunu kisbu mhux anqas minn erbgħa u għoxrin kredtu fil-qasam ta' speċjalizzazzjoni.

(4) L-Eżami Finali tat-Tielet Parti għandu jikkonsisti f'erba' karti fil-qasam ta' speċjalizzazzjoni magħżul. Jista' jsir ukoll eżami *viva voce.*

(5) L-istudenti jkunu meqjusa li ssodisfaw ir-rekwiżiti tat-Tielet Parti tal-Kors jekk jiksbu grad ta' kwalifika f'kull karta ta' l-Eżami Finali tat-Tielet Parti.

(6) L-istudenti li jtemmu b'suċċess it-Tielet Parti tal-Kors ikunu meqjusa li temmew il-Kors u li kkwalifikaw għall-għoti tal-grad ta' Bachelor of Commerce (Honours) - B.Com. (Hons).

(7) L-istudenti li daħlu taħt il-paragrafu (1) tar-regolament 11 li ma jtemmux b'suċċess it-Tielet Parti tal-Kors fiż-żmien speċifikat mir-regolamenti

jkunu eliġibbli għall-għoti tal-grad ta' Bachelor of Commerce - B.Com. - li għalih kellhom dritt meta temmew b'suċċess it-Tieni Parti tal-Kors.

L-Eżamijiet

13. (1) Għandu jkun hemm eżamijiet fit-tmiem ta' l-Ewwel Parti u tat-Tieni Parti tal-Kors u Eżami Finali li jsir fit-tmiem tat-Tielet Parti.

(2) Għandu jkun hemm żewġ sessjonijiet ta' l-eżamijiet fis-sena: sessjoni li normalment issir f'Mejju/Ġunju u sessjoni riparatorja li normalment issir f'Settembru.

(3) L-istudenti jkunu meqjusa li għaddew minn eżami jekk jiksbu wieħed mill-gradi li ġejjin: A, B, Ċ jew D f'kull karta.

L-Eżamijiet Riparatorji u r-Ripetizzjoni tal-Kors

14. (1) L-istudenti li jeħlu f'mhux aktar minn tliet karti ta' l-Eżamijiet ta' l-Ewwel Parti u tat-Tieni Parti jistgħu jitħallew jagħmlu l-Eżami Riparatorju fis-sessjoni ta' wara fil-karti li weħlu minnhom. L-ogħla grad li jista' jingħata f'sessjoni riparatorja huwa l-grad D.

(2) L-istudenti li jeħlu f'aktar minn tliet karti fl-Eżamijiet ta' l-Ewwel u tat-Tieni Parti jew li jeħlu f'xi karta fis-Sessjoni Riparatorja jistgħu jitħallew jirrepetu l-Parti rilevanti tal-Kors is-sena ta' wara, sakemm jimxu mall-provvedimenti tal-paragrafu (1) tar-regolament 7 u taħt dawk il-kundizzjonijiet li jista' jimponi l-Bord.

(3) L-istudenti li jeħlu f'mhux aktar minn żewġ karti ta' l-Eżami Finali tat-Tielet Parti jistgħu jitħallew jagħmlu l-Eżami Riparatorju fis-sessjoni ta' wara fil-karti li weħlu minnhom. L-ogħla grad li jista' jingħata huwa l-grad D.

(4) L-istudenti jistgħu jitħallew jirrepetu l-Eżamijiet ta' l-Ewwel, tat-Tieni jew tat-Tielet Parti (il-Parti Finali) darba biss, ħlief f'ċirkostanzi straordinarji u bil-permess speċjali tas-Senat.

Il-Valutazzjoni ta' l-Istudenti u l-Għoti tal-Gradi

15. (1) L-istudenti li jtemmu b'suċċess l-Eżami tat-Tieni Parti u li jkunu kisbu mhux anqas minn erbgħa u sittin kredtu fl-Ewwel u fit-Tieni Parti tal-Kors jikkwalifikaw għall-grad ta' Bachelor of Commerce f'livell ġenerali, sakemm ma għażlux li jkomplu għat-Tielet Parti tal-Kors skond il-paragrafu (1) tar-regolament 11.

(2) L-istudenti li jtemmu b'suċċess l-Eżami tat-Tieni Parti imma li ma jitħallewx ikomplu għat-Tielet Parti tal-Kors skond il-paragrafu (1) tar-regolament 11 jikkwalifikaw għall-grad ta' Bachelor of Commerce f'livell ġenerali.

L-Iggradar Finali

16. (1) Il-valutazzjoni ġenerali ta' l-istudenti għall-grad ta' Bachelor of Commerce (Honours)/Bachelor of Commerce tqis ir-riżultati fl-eżamijiet li għandhom jgħoddu għal 70% tal-piż, kif ukoll il-gradi tal-kredti miksuba matul il-kors ta' l-istudji li għandhom jgħoddu għat-30% l-oħra.

(2) L-ismijiet ta' l-istudenti li jikkwalifikaw għall-għoti tal-grad ta' Bachelor of Commerce għandhom ikunu ppubblikati f'lista f'ordni alfabetiku maqsuma fil-kategoriji li ġejjin:

Kategorija I
Kategorija IIA
Kategorija IIB
Kategorija III.

(3) L-ismijiet ta' l-istudenti li jikkwalifikaw għall-għoti tal-grad ta' Bachelor of Commerce (Honours) għandhom ikunu ppubblikati f'lista f'ordni alfabetiku maqsuma fil-klassifikazzjoni li ġejja:

L-Ewwel Klassi (bl-Unuri)
It-Tieni Klassi (bl-Unuri) Taqsima Superjuri
It-Tieni Klassi (bl-Unuri) Taqsima Inferjuri
It-Tielet Klassi (bl-Unuri).

Disposizzjonijiet Speċjali għal Korsijiet fuq bażi *Part-time*

17. Il-Kors fuq bażi *part-time* li jwassal għall-grad ta' Bachelor of Commerce - B. Com. - għandu jkun immexxi mill-disposizzjonijiet tar-regolamenti għall-Kors fuq bazi *full-time*, ħlief kif provdut fir-regolamenti 17 sa 22.

Dħul fil-Kors fuq bażi *Part-time*

18. Applikant li jikkwalifika għad-dħul fil-Kors fuq bażi *full-time* taħt ir-regolamenti 5 u 6 jista' jirreġistra bħala student regolari għall-Kors fuq bażi *part-time* meta Kors bħal dan ikun offrut.

It-Tul tal-Kors fuq bażi *Part-time*

19. (1) Student irreġistrat għall-Kors fuq bażi *part-time* għandu normalment ikun meħtieġ itemm l-Ewwel Parti f'sentejn u t-Tieni Parti fi tlett snin.

(2) Student ma jistax itemm il-Kors fuq bażi *part-time* f'anqas minn għaxar semestri u f'aktar minn tnax-il semestru minn mindu beda l-Kors ħlief f'ċirkostanzi speċjali, bil-permess tas-Senat, u taħt dawk il-kondizzjonijiet li s-Senat jista' jiddeċiedi f'kull każ,
iżda student li jitħalla jtemm il-Kors f'aktar minn għaxar semestri jista' jkun meħtieġ li jsegwi taqsimiet studju li jinkludu taqsimiet studju offruti fil-Kors fuq bażi *full-time* ta' matul il-jum, kif dirett mill-Bord.

Katalgu ta' Taqsimiet Studju għall-Kors fuq bażi *Part-Time*

20. (1) Katalgu tat-taqsimiet studju f'kull qasam ta' studju u tal-kredti assenjati għal kull taqsima studju fil-Kors fuq bażi *part-time* għandu jkun ippublikat mill-Bord qabel il-bidu ta' kull sena akkademika.

(2) It-taqsimiet studju għall-Kors fuq bażi *part-time* għandhom ikunu jixbħu lil dawk għall-Kors fuq bażi *full-time* kif indikat fil-paragrafu (2) tar-regolament 8 u għandhom ikunu rranġati b'mod li l-Kors ikun jista' jintemm f'ħames snin.

(3) L-oqsma ta' studju offruti fil-Kors fuq bażi *part-time* jistgħu jkunu anqas minn dawk indikati fil-paragrafu (2) tar-regolament 10 u għandhom ikunu mxandra fiż-żmien meta toħroġ is-sejħa għall-applikazzjonijiet. Il-postijiet fejn isiru l-konferenzi u s-sessjonijiet tutorjali għandu jkun determinat mill-Bord.

Progress

21. F'kull sena tal-Kors fuq bażi *part-time* student għandu jkun meħtieġ li jirreġistra għal numru ta' taqsimiet studju li għalihom mhux anqas minn 10 u mhux aktar minn 16-il kredtu huma assenjati.

L-Eżamijiet ta' l-Ewwel u tat-Tieni Parti

22. L-Eżamijiet ta' l-Ewwel u tat-Tieni Parti tal-Kors fuq bażi *part-time* għandhom ikunu l-istess bħall-Eżamijiet ta' l-Ewwel u tat-Tieni Parti tal-Kors fuq bażi *full-time*, skond il-paragrafi (4) u (5) tar-regolament 9 u l-paragrafi (6) u (7) tar-regolament 10.